MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2017

Rikors Maħluf Numru: 105/15LM

**Mario Borg (K.I. 350078M) eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem 'Borg Skip Hire Service'**

***vs.***

**Waste Care Enterprises Limited (C 16224)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Mario Borg** eżerċitanti l-kummerċ taħt l-isem

**'Borg Skip Hire Service'** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fil-5 ta' Frar, 2015, fejn talab lill-Qorti, wara li ppremetta s-segwenti:

<u>*Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*</u>

1. *Fil-bidu tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-kontendenti daħlu fi ftehim verbali permezz ta' liema s-soċjetà intimata appaltat ossia inkarigat lir-rikorrenti sabiex jagħmel xogħol ta' ġbir ta' skart li u għal dan tħallas lir-rikorrenti għax-xogħol illi jkun wettaq. Il-partijiet ftiehmu wkoll illi jekk kollox jimxi tajjeb, 'il quddiem is-soċjetà intimata tibda tgħaddi in toto dan ix-xogħol lir-rikorrenti. Ġie miftiehem ukoll illi ta' dan l-appalt, ir-rikorrenti jħallas lis-soċjetà intimata s-somma ta' elf euro (€1,000) fix-xahar.*

2. *Bejn Marzu u Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014), ir-rikorrenti kien laħaq għamel u esegwa xogħol fil-valur ta' tnax-il elf, sitt mija u tnax-il euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€12,612.24) (inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) skont l-istess ftehim, u dan kif se jiġi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ġuramentat. Inoltre, l-esponenti kien laħaq ħallas lis-soċjetà intimata s-somma komplessiva ta' elfejn euro (€2,000), konsistenti f'xahrejn ħlas mill-ħlas mensili miftiehem skont il-ftehim imsemmi hawn fuq.*

3. *Minkejja dan kollu, is-soċjetà intimata reġgħet lura minn kelmtha u naqset milli tonora l-ftehim milħuq, inkluż li naqset milli tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €12,612.24 għax-xogħol li kien sar. Naqset ukoll milli tirrimborsa lir-rikorrenti bis-somma ta' €2,000 preċedentement imħallsa lilha mill-istess u dan minħabba ksur tal-istess ftehim. Għaldaqstant illum il-ġurnata, u kif se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat, is-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma globali ta' erbatax-il elf, sitt mija u tnax-il euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€14,612.24) (Dok. 'A')*[1].

4. *Interpellata sabiex tħallas din is-somma, anke permezz ta' ittra ġudizzjarja datata 31 t'Ottubru, 2014 – 220/14 (Dok. 'B')*[2]*, hija baqgħet inadempjenti.*

---

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.

[2] *A fol.* 7 tal-proċess u risposta tas-soċjetà konvenuta għall-imsemmija ittra uffiċjali tinsab esebita *a fol.* 8 tal-proċess.

5. *Ir-rikorrenti Mario Borg jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Raġuni tat-Talba*

1. *Għar-raġunijiet infraskritti, kellhom jiġu intavolati dawn il-proċeduri.*

*Talbiet:*

*Tgħid għalhekk, is-soċjetà intimata, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf, sitt mija u tnax-il euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€12,612.24), rappreżentanti prezz tax-xogħol magħmul mir-rikorrenti u li għadu ma tħallasx;*

2. *Tiddikjara illi s-soċjetà intimata kisret il-ftehim ta' bejn il-partijiet u konsegwentement għalhekk, tordna r-rexxissjoni tal-istess ftehim;*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn euro (€2,000), rappreżentanti rimbors ta' flejjes imħallsa lilha mir-rikorrenti, u dan għar-raġunjiet infraskritti, flimkien ma' danni oħra li seta' sofra r-rikorrenti.*

*Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra ġudizzjarja tal-31 t'Ottubru, 2014 bin-numru 220/14, kontra s-soċjetà intimata, li tinsab minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Waste Care Enterprises Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata fis-17 ta' Marzu, 2015, fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi mhuwiex minnu illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet waħda ta' appalt, kif allegat mir-rikorrent fir-Rikors Ġuramentat promotur, iżda kienet waħda ta' bejgħ fis-sens illi s-soċjetà rispondenti kienet leħqet ftehim verbali mar-rikorrent li permezz tiegħu bigħitlu x-xogħol li kellha ta' ġbir ta' skart minn numru ta' lukandi/ristoranti versu l-prezz pattwit ta' disat elef euro (€9,000) illi minnhom ir-rikorrent kien ħallas biss is-somma ta' elfejn euro (€2,000). Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.*

2. *Illi dak li ġara, bħala stat ta' fatt, kien illi r-rikorrenti ma bediex jeżegwixxi x-xogħol ta' ġbir ta' skart minn dawn il-lukandi kif suppost, tant illi s-soċjetà rispondenti kienet tmur tagħmel hi xogħol li ma kienx qed jeżegwixxi r-rikorrent. Meta r-rikorrent kien mitlub biex jibda joħroġ l-invoices lil dawn il-lukandi huwa direttament, huwa naqas, għar-raġunijiet tiegħu, milli jagħmel dan u għalhekk is-soċjetà rispondenti kienet ħarġet l-invoices u rċeviet il-ħlas hi, kemm għal dak ix-xogħol li eżegwixxa r-rikorrent u kif ukoll għal dak ix-xogħol li esegwiet is-soċjetà rispondenti u li kien naqas milli jeżegwixxi r-rikorrent. Għaldaqstant, sussidjarjament u bla preġudizzju għas-suespost, il-pretensjoni li seta' jressaq 'il quddiem ir-rikorrent kellha tkun ħlas għal xogħol inkarigat taħt kuntratt ta' appalt stante li, kif fuq spjegat, il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx wieħed ta' appalt.*

3. *Illi konsegwentement u dejjem sussidjarjament għall-ewwel eċċezzjoni, minn kwalsiasi ammont dovut lir-rikorrent għandhom jitnaqqsu, inter alia (i) il-valur tax-xogħol eżegwit mis-soċjetà rispondenti nnifisha, kif fuq imfisser; (ii) l-ispejjeż; u (iii) id-danni sofferti mis-soċjetà rispondenti konsistenti fit-telf tal-kuntratt ta' xogħol għal ġbir ta' skart mill-lukanda Fortina b'riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u non-kuranza da parti tar-rikorrent.*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistgħu jiġu permessi skont il-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti.

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar, 2017 fejn il-kawża ġiet ittrattata u tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Illi l-mertu ta' dan il-*litis contestatio* huwa ftehim bil-fomm li kien hemm bejn il-partijiet u li xejn minnu ma kien ridott bil-kitba u li għalhekk ta lok għall-interpretazzjonijiet kunfliġġenti bejn il-partijiet. Allura dan huwa każ fejn jeħtieġ li jiġu eżaminati ż-żewġ versjonijiet differenti tal-partijiet u l-kredibbiltà tagħhom.

Illi l-attur qed jippretendi ħlas ta' €12,612.24 għal dak li huwa jsejjaħlu sub-appalt *(sub-contracting)* li jgħid illi wettaq għas-soċjetà konventa fl-aħħar tax-xahar ta' Marzu, 2014 u x-xhur ta' April u Mejju, 2014 biex jiġbor l-iskart ta' sitt lukandi, l-Excelsior, Intercontinental, La Valette u St. Georges Park (Blue Sea), Radisson u l-Fortina. L-attur qed jippretendi wkoll li jingħata lura €2,000 li huwa kien diġà ħallas lis-soċjetà konvenuta akkont ta' somma akbar biex jixtri l-appalt hawn imsemmi, li kellu eventwalment jiddawwar għal fuqu u dan għax is-soċjetà konvenuta ma ħallsitux tas-servizzi reżi minnu skont l-imsemmi sub-appalt u għalhekk is-soċjetà konvenuta kisret il-ftehim ta' bejnithom. L-attur isostni wkoll illi meta hu induna illi r-rati ta'

dan l-appalt kienu ferm inqas minn dawk li kien indikalu Joseph *sive* Ġużi Debono meta kien sar il-ftehim inizjali, eventwalment irrealizza li ma kienx hemm il-qligħ li stenna mill-imsemmi appalt u ddeċieda li ma jkomplix b'dan ix-xogħol.[3]

Illi s-soċjetà konvenuta rappreżentata mid-direttur Joseph *sive* Ġużi Debono, issostni illi ma kien hemm ebda sub-appalt bejn il-partijiet u r-relazzjoni kuntrattwali li kellhom kienet waħda ta' bejgħ ta' xogħol, ċjoè ftehim verbali li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta biegħet lill-konvenut ix-xogħol li kellha ta' ġbir ta' skart minn numru ta' lukandi/ristoranti. Is-soċjetà konvenuta tippreċisa li l-attur kellu jitħallas direttament mil-lukandi/ristoranti għax-xogħol tiegħu, filwaqt li l-attur min-naħa tiegħu kellu jħallas lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' €9,000 għat-trasferiment lilu ta' dan ix-xogħol, liema ħlas kellu jsir bir-rata ta' elf euro fix-xahar sakemm tinqata' s-somma miftiehma.[4]

## Evalwazzjoni tal-provi

Illi min jallega jrid jipprova u dan fid-dawl tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[5], li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Peress li l-

[3] *A fol.* 107.
[4] *A fol.* 115.
[5] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, Prim' Awla, 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, Appell Inferjuri, 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe. vs.* Lapsi Holdings Limited**, 19.01.2015, Prim' Awla.

ftehim bejn il-partijiet f'dan il-każ kien wieħed verbali, jeħtieġ li jiġu eżaminati bl-akbar reqqa l-provi prodotti miż-żewġ partijiet f'kuntest fejn ġew ippreżentati żewġ verżjonijiet opposti għal xulxin kif diġà ngħad.

Illi l-kwistjoni tal-kunflitt fil-provi żgur mhijiex xi ħaġa ġdida għall-Qrati. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel riferiment għal dak illi intqal fis-sentenza **Farrugia *vs.* Farrugia**[6]:

> "il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant."

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għall-kawża fl-ismijiet **George Bugeja *vs.* Joseph Meilak**[7] fejn ingħad illi:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli".

[6] P.A., 24.11.1966.
[7] P.A., 30.10.2003.

Illi għandu jingħad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem min għandu jiddeċiedi huwa fattur ukoll importanti sabiex jitqies jekk dak li jkun qiegħed jgħid xhud għandux mis-sewwa jew le.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

Illi però qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina fil-fond ix-xhieda prodotta, hemm żewġ punti legali li din il-Qorti tixtieq tirrileva rigward id-differenza bejn bejgħ u appalt u meta għandu jitqies li bejgħ hu konkluż.

Illi kwantu għar-regoli dwar il-bejgħ u dwar meta jiġi konkluż il-bejgħ, il-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jistipula:

> "**1346.** Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha.
>
> **1347.** Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej."

Illi għar-rigward tal-appalt jingħad kif ġej fil-Kap. 16:

> "**1633.** Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal."

Illi dwar id-differenza bejn dawn iż-żewġ istituri, fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq *noe. vs.* Joseph Camilleri *et.*** intqal dan li ġej:[8]

> "Jixraq fl-ewwel lok li tiġi indagata u epurata sew il-kontroversja sorta bejn il-kontendenti f'din il-kawża.
>
> Jiġifieri dik jekk il-figura ġuridika tan-negozju intervenut bejniethom għandhiex tiġi klassifikata bħala "*vendita*" kif pretiż mill-attur *nomine* ossija "*locatio operis*", kif hekk ritenut mill-konvenuti proprju fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom għall-azzjoni prinċipali;
>
> Indubbjament l-istabbilizzar ta' din il-figura ġuridika hi ta' vitali importanza in kwantu ż-żewġ istituti, distintament kollokati fil-Kodiċi Ċivili, jipprovdu rimedji ben diversi. In effetti kieku l-Qorti kellha taċċetta l-veduta tal-perit legali illi fil-każ in eżami si tratta minn kuntratt ta' bejgħ, allura diffiċilment, imbagħad, seta' jsegwi illi l-istess perit legali jissofferma fuq it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tal-kontro-talba tagħhom billi dawn huma espressament arġinati fuq l-istitut tal-appalt in kwantu għall-kontenzjoni illi x-xogħol ma ġiex eżegwit skont l-arti u s-sengħa u kien ukoll inkompletat;
>
> Minn dak rinvenut fil-Kodiċi Ċivili jirriżulta li r-rimedji miftuħa lix-xerrej f'każ ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-każ tal-ewwel artikolu bażat fuq in-nuqqas tal-kwalità mwegħda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja tal-oġġett mibjugħ, li jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob ukoll id-danni jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit.
>
> Fil-każ tat-tieni, bażat fuq il-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, il-liġi wkoll tassenjalu d-dritt tal-għażla wara r-riċezzjoni tal-oġġett, jiġifieri jew li jirreċedi mill-bejgħ bl-azzjoni redibitorja jew li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti u li tirrappreżenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejħa estimatorja;

---
[8] P.A., 28.01.04.

Huma dawn ir-rimedji li l-liġi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xogħlijiet sarux sew u skont l-arti u s-sengħa strettament ma tiċċentra xejn f' negozju ġuridiku bħal dan ta' komprovendita;

Premess dan li fuq ġie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-riċerka tal-kriterju distintiv bejn "*vendita*" u "*locatio operis*" mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-ġurisprudenza; Hekk it-trattist **C. Massimo Bianca** fl-opra tiegħu "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografico – Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 paġna 39 para. 21, jgħid illi "*quando l'alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attività integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del bene, il problema della classificazione del contratto non può essere risolto qualificando senz'altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realtà al tipo dei contratti d'opera individuale o imprenditoriale, cioè al contratto d'opera o al contratto d'appalto*.";

Jingħad minn awturi bhal **Rubino-Iudica** ("Dell'Appalto" para 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l-kriterju tal-"*prevalenza del lavoro sulla materia*". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jagħti mhux biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgħ (**Carmelo Borg *vs.* Joseph Mifsud**, Appell Kummerċjali, 7 ta' Ottubru, 1980);

Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost sempliċistika tal-kunċett u ma ssolvix il-problema;

Ġiet allura konċepita t-teorija żviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana "*secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un'obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell'appaltatore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar, 1970**);

Din it-teorija ttendi biex tassenja importanza deċiżiva lill-volontà tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f'ċerta ġurisprudenza tagħna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet **Neg. George E. Camilleri *vs.* Joseph Mamo *nomine***, Qorti

tal-Kummerċ, 28 ta' Awwissu, 1951; **George Vassallo *vs.* Lawrence Fenech *et nomine***, Appell Kummerċjali, 26 ta' April, 1988 u **John Debono *vs.* Anthony Fenech *nomine et***., Appell Kummerċjali, 15 ta' Jannar, 1992;

Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volontà tal-partijiet s-soluzzjoni tal-vertenza jidher li ġiet stabbilita skond l-ottika li wieħed jara l-kontrattazzjoni;

F'dan il-kuntest ġie ritenut, dejjem fil-ġurisprudenza Taljana, illi "*si tratterà di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell'ordinaria produzione dell'assuntore*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 tal-1983**).

Tali tibqa' s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oġġett, purchè jkunu marġinali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esiġenzi tad-destinatarju tiegħu. Minn naħa l-oħra jekk il-modifiki "*siano tali da dare luogo ad un 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si tratterà invece di appalto*" (**Qorti tal- Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000**).

Jekk, imbagħad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi każellat taħt it-tip wieħed jew l-ieħor, jista' jiġi kwalifikat bħala "*contratto misto*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 tal-1972**)."

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta b'mod ċar illi dan kien ftehim ta' bejgħ ta' xogħol, ossija bejgħ ta' kuntratt/i ta' appalt, però sabiex jiġi stabbilit jekk dan il-ftehim kellux ikun operattiv mill-ewwel jew le, jeħtieġ li jiġu eżaminati l-provi kollha li jinsabu in atti kif ukoll irid ukoll x'kienet eżattament ir-rieda tal-partijiet kontraeni.

## Provi u riżultanzi

Illi kemm ix-xhieda prodotti mill-attur, ċjoè martu **Antonella Borg**, l-impjegat tiegħu **Benny Bezzina** u r-rappreżentant tal-Wasteserv, **Carmelo Buttigieg**, kif ukoll li x-xhieda prodotta mis-soċjetà konvenuta, u ċjoè **Nathalie Debono**, it-tifla ta' Joseph *sive* Ġużi Debono, ma kinux wisq tant ta' għajnuna biex jiġu stabbiliti l-fattispeċi tal-każ, għax dak illi xehdu dwaru ħafna minnu jafuh mhux di xjenza proprja imma mill-attur Mario Borg jew mingħand Ġużi Debono.

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xhieda tal-attur u tar-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta Joseph sive Ġużi Debono u tikkonkludi illi għandha tagħti aktar affidament lill-versjoni tal-attur. Mix-xhieda ta' **Joseph *sive* Ġużi Debono**[9] jirriżulta illi xogħol baqa' jgħajjat lis-soċjetà konvenuta, baqa' ma ġiex trasferit lill-attur. Fil-fatt Ġużi Debono jgħid illi "ma' Mario aħna ftehemna li ħa ndawwru xogħol kollu fuqu ... u li meta jagħlaq l-ewwel pagament, nibda ndawwarlek waħda, waħda"[10] u mhux li effettivament dawwar ix-xogħol fuq l-attur. Debono jammetti li l-lukandi baqgħu jafu lilu għax kien għadu ma bediex javża lill-lukandi li xogħol kien se jdawwru fuq Mario Borg. Debono jammetti li l-lukandi baqgħu jafu lilu meta qal li l-lukandi bdew jilmentaw miegħu għax-xogħol tal-attur. Ġużi Debono jammetti li għax-xogħol li għamel l-attur kienet is-socjetà konvenuta li rċeviet il-ħlas mil-lukandi/ristoranti, għalkemm mhux ta' kollox.[11]

---

[9] *A fol.* 114 sa 119 u 127 sa 130.
[10] *A fol.* 128.
[11] *A fol.* 118.

Illi minkejja li fir-Risposta Maħlufa tagħha s-soċjetà konvenuta tgħid li "ir-rispondenti (is-soċjetà konvenuta) kienet ħarġet l-*invoices* u rċeviet il-ħlas hi ..." u tgħid ukoll li parti minn dan ix-xogħol spiċċat tagħmlu xorta hi, però s-soċjetà konvenuta ma ġabet ebda prova ta' kemm minn dan ix-xogħol effettivament għamlitu hi. Fuq domanada tal-Qorti Joseph Debono wieġeb "biċċiet minnhom ħallsuna."[12] U meta l-Qorti staqsietu għal spjegazzjoni, semma li spiċċa tilef ix-xogħol ta' xi wħud mil-lukandi bħar-Radisson u l-Fortina. Ġużi Debono jammetti[13] li dan ix-xogħol l-attur ħadem ħafna fih però kien hemm xogħol li ma sarx sewwa. Hemm imbagħad id-dokument esebit minn Ġużi Debono[14], li kienet ikkompilatu t-tifla tiegħu Nathalie Debono li kienet tieħu ħsieb il-*paperwork* tas-soċjetà konvenuta, dwar il-ħlasijiet li kellu jirċievi l-attur tax-xogħol li kellu jagħmel ta' sitt lukandi Excelsior, Intercontinental, La Vallette, St. George's Park, Radisson u Fortina, għas-somma totali ta' €10,021.16. Din il-lista Nathalie Debono tipprova tispjegaha li kienet speċi ta' *sample*, meta fir-realtà din il-lista tirrifletti l-ġranet u x-xhur li kien ħadem dan ix-xogħol l-attur.

Illi dak li finalment jeħtieġ ikun deċiż mill-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa x'effetti legali jiskaturixxu mill-ftehim verbali li kien jeżisti bejn il-partijiet inkwantu ta' kif u għan-nom ta' min kellu jsir ix-xogħol regolat b'dak il-ftehim u ta' kif kellhom isiru l-ħlasijiet dovuta skont dak l-istess ftehim b'mod temporanju u b'mod permanenti.

---

[12] *A fol.* 118.
[13] *A fol.* 118.
[14] *A fol.* 122.

Illi minn dawn l-indizji din il-Qorti hija konvinta li l-ftehim kellu tassew ikun wieħed ta' bejgħ ta' xogħol, ossija ta' bejgħ ta' kuntratti ta' appalt, iżda għall-ewwel ftit xhur sakemm jidra, l-attur kien qed jaħdem il-kuntratti tal-lukandi/ristoranti għan-nom tas-soċjetà konvenuta fuq sub-appalt. Sussegwentement inqala' l-inkwiet bejn il-partijiet u t-tnejn li huma mbagħad spiċċaw inħallew mill-ftehim meta l-attur kien għadu qed jagħmel ix-xogħol għan-nom tas-soċjetà konvenuta b'sub-appalt. Ġużi Debono stess jammetti, fuq domanda tal-Qorti, li kien għadu ma avżax lil-lukandi li ma kienx ser jibqa' jagħmel dak ix-xogħol hu u li kellu jidħol l-attur minfloku[15], għalkemm fi stadji oħrajn tax-xhieda tiegħu jgħid mod ieħor.[16]

Illi ġaladarba l-attur qiegħed jinsisti, kif għandu dritt li jagħmel, li jitħallas mis-soċjetà konvenuta tax-xogħol li din kienet għaddietlu, ikun kontro-sens li l-attur jitlob ir-restituzzjoni tas-somma li kien diġà ħallas fl-ammont ta' €1,000[17] bħala rigal talli eventwalment l-appalt tal-lukandi kellu jiddawwar għal fuqu. Wara kollox is-soċjetà konvenuta żammet u wettqet in-naħa tagħha tal-ftehim u għal dak il-perjodu limitat ta' xahrejn u għaxart ijiem l-attur seta' jaħdem ix-xogħol li għaddietlu s-soċjetà konvenuta. Del resto l-attur ma ġabx prova suffiċjenti li il-ftehim ġie xolt mis-soċjetà konvenuta, anzi għall-kuntrarju jirriżulta illi kien l-attur li mar lura mill-ftehim meta wasal f'punt fejn irrealizza li l-ftehim illi kellu mas-soċjetà konvenuta ma kienx se jirrendilu daqskemm kien qed jaħseb. Is-soċjetà konvenuta min-

[15] *A fol.* 129 *retro*.
[16] *A fol.* 128 *retro*.
[17] Mhux ta' €2,000 għax intwera minn Joseph Debono għas-soċjetà konvenuta li t-tieni *cheque* ta' €1,000 ma setax jissarraf u l-oriġinal tiegħu ġie anness bħala dokument *a fol.* 121 tal-proċess bis-*slip* tal-BOV miegħu.

naħa tagħha ma għamlet l-ebda kontrotalba dwar il-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-attur.

Illi għar-rigward tal-pretensjoni tal-attur li s-soċjetà konvenuta għandha tħallsu s-somma ta' €12,612.24, bħala valur tax-xogħol li hu jgħid li laħaq għamel u esegwixxa bejn Marzu u Mejju tal-2014, in sostenn ta' din it-talba, mart l-attur **Antonella Borg** li kienet tieħu ħsieb il-*paperwork* ta' żewġha, ippreżentat dokumentazzjoni maħruġa mill-Wateserve[18] li turi d-differenza fil-volum tal-iskart li l-attur kien idaħħal fil-*landfill*, kif dan għola sostanzjalment fil-perjodu meta huwa kien jagħmel ix-xogħol li kien għaddielu Ġużi Debono, paragun ma' perjodi oħrajn meta ma kienx jagħmel dan ix-xogħol.

Illi l-allegati ilmenti mil-lukandi dwar il-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-attur li s-soċjetà konvenuta tgħid li sarulha, mhumiex mertu ta' din il-kawża stante li s-soċjetà konvenuta m'għamlitx kontrotalba f'dan ir-rigward.

Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta li minn kwalsiasi ammont dovut lill-attur għandhom jitnaqqsu spejjeż inkorsi minnha u l-valur tax-xogħol li sar minnha, kien tabilħaqq jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li tipprova dak li ġie allegat minnha. Madankollu s-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova dwar dawn l-ispejjeż u xogħlijiet li suppost saru minnha.  Lanqas dwar l-allegat tnaqqis fil-ħlas mil-lukandi

[18] *A fol.* 32 sa 88.

minħabba xi ilmenti li seta' kien hemm, is-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova dwar dan. Gużi Debono jsemmi lil ċertu lavrant tiegħu 'Gordon'[19] li kien qallu bix-xogħol inkomplet li kien iħalli l-attur warajh, imma dan 'Gordon' ma ġiex prodott bħala xhud mis-soċjetà konvenuta.

Illi għar-rigward tal-allegat telf tal-kuntratt ta' xogħol għal ġbir ta' skart mil-lukanda Fortina, li s-soċjetà konvenuta tgħid illi seħħ b'riżultat ta' negliġenza, traskuraġni u non-kuranza da parti tal-attur, is-soċjetà konvenuta naqset milli tikkorrabora din l-allegazzjoni tagħha imqar bix-xhieda ta' xi rappreżentant tal-imsemmija lukanda. Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għandha tiġi respinta.

Tqis għalhekk illi fuq bażi ta' probabbilitajiet ġie ppruvat sal-grad li trid il-liġi, illi bejn Marzu u Mejju tal-2014, l-attur kien laħaq esegwixxa xogħol fil-valur ta' €12,612.24 inkluża l-VAT skont il-ftehim verbali preċitat.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad it-tieni u t-tielet talba attriċi, tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-**

[19] *A fol.* 116.

**somma ta' tnax-il elf, sitt mija u tnax-il euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€12,612.24), rappreżentanti prezz ta' xogħol magħmul mill-attur u li għadu ma tħallasx mis-soċjetà konvenuta, bl-imgħax legali mill-31 ta' Ottubru, 2014.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.